MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 42/2009

**B. Tagliaferro & Sons Limited**
**(C 817)**

**vs**

**Il-Kummissarju ta' l-Art u l-**
**Avukat Generali**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti pprezentat fl-20 ta' Lulju, 2009, li jaqra hekk:

Illi permezz ta' dikjarazzjoni datata 23 ta' Frar 1993, debitament ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta (Dok. A), l-Eccellenza Tieghu, il-President ta' Malta

ddikjara, *inter alia*, illi s-segwenti proprjetajiet fil-Belt Valletta:

a. Il-fond numru 108, Triq l-Arcisqof, li ghandu ukoll bieb bin-numru 125, Triq id-Dejqa;

b. Il-fond numru 109, Triq l-Arcisqof;

c. Il-fond numru 110, Triq l-Arcisqof; u

d. Il-fond numru 124, Triq id-Dejqa.

Huma mehtiega mill-Kummissarju ta' l-Art ghal skop pubbliku skont id-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kapitolu 88) u illi l-akkwisti taghhom ghandu jkun b'xiri assolut.

Illi wara xi snin, il-Kummissarju ta' l-Art ha l-pussess ta' dawn il-fondi.

Illi l-kumpanija esponenti hija l-proprjeta' ta' terz indiviz ta' dawn il-fondi.

Illi l-kumpanija esponenti qatt ma giet notifikata b'avviz ghall-ftehim mill-intimat il-Kummissarju ta' l-Art.

Illi s'issa, l-intimat il-Kummissarju ta' l-Art qatt ma ghamel uzu minn dawn il-fondi (hlief li imbarrahom bil-gebel) u wisq inqas ghamel uzu minnhom ghal skopijiet pubblici.

Illi fit-23 ta' Marzu 2003, il-kumpanija esponenti, flimkien mas-sidien tar-rimanenti zewg terzi indivizi ta' l-imsemmija fondi, kitbet lill-intimat Kummissarju ta' l-Art u talbitu sabiex fi zmien tmienja u erbghin siegha jersaq sabiex jigi kkalkolat u jhallas il-kumpens dovut minnu lilha in segwitu ghall-esproprjazzjoni (Dok. B).

Illi l-intimat il-Kummissarju ta' l-Art ma wegibx ghal din l-ittra.

Fit-22 ta' Mejju 2003, il-kumpanija esponenti regghet kitbet lill-Kummissarju ta' l-Art fejn gibditlu l-attenzjoni

ghall-fatt li l-istess Kummissarju ta' l-Art ma kienx irrisponda ghall-ittra ta' l-20 ta' Marzu 2003 u talbitu jwegibha (Dok. C).

Illi l-Kummissarju ta' l-Art ghal darb'ohra injora l-ittra.

Illi fit-30 ta' Lulju 2008, il-kumpanija esponenti pprezentat protest kontra l-Kummissarju ta' l-Art (kopja legali qeghda tigi esebita bhala Dok. D) fejn wara li elenkat il-fatti saljenti interpellatu:

"... sabiex immedjatament jirritorna l-imsemmija fondi lill-kumpanija esponenti u jaghtiha l-kumpens xieraq u spettanti lilha in linea ta' okkupazzjoni minnu ta' l-istess proprjetajiet mit-23 ta' Frar 1993 sal-gurnata ta' meta hekk jirritornahom ..."

Illi ghalkemm fl-4 ta' Awissu 2008, l-imsemmi protest gie notifikat kemm lill-Kummissarju ta' l-Art kif ukoll lill-Avukat Generali, l-intimati ghadhom sa llum ma wegbux l-istess protest.

Illi mill-1993, il-kumpanija esponenti thalliet kompletament fil-ghama mill-awtoritajiet governattivi dwar l-intenzjonijiet taghhom ghar-rigward il-proprjeta' taghha fuq imsemmija.

Illi minn meta giet ippubblikata l-imsemmija dikjarazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, il-kumpanija esponenti ma setghetx taghmel uzu minn u tgawdi l-proprjeta' taghha fuq indikata.

Illi kemm l-agir tal-Kummissarju ta' l-Art vis a' vis il-kumpanija esponenti mill-1993 kif ukoll in-nuqqas ta' rimedji adegwati fl-istess perjodu provduti mill-Istat ghas-sitwazzjoni li sabet ruhha fiha l-kumpanija esponenti – li ghalihom irid iwiegeb l-intimat Avukat Generali jiksru diversi provvedimenti tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali nkorporata fl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319) fosthom:

a. Id-dritt tal-kumpanija esponenti ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha kif protett bl-Ewwel Artikolu ta’ l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea;

b. Id-dritt tal-kumpanija esponenti ghal smiegh minn tribunal indipendenti u imparzjali kif protett bl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u dan stante illi l-Bord imwaqqaf mill-Kap. 88 m’huwiex tribunal indipendenti u imparzjali.

c. Id-dritt tal-kumpanija esponenti ghall-access ghall-awtorita’ gudikanti kif protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea; u

d. Id-dritt tal-kumpanija esponenti ghal smiegh fi zmien ragjonevoli kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz, fejn il-kumpanija esponenti ma tafx jekk ghadx hemm skop pubbliku ghall-esproprjazzjoni riferita f’dan ir-rikors, il-kumpanija esponenti bilfors ikollha taghmel talbiet alternattivi.

Talbet il-kumpanija rikorrenti tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

A. F’kaz li ma kienx hemm u/jew m’ghadx hemm skop pubbliku li hu konkret u reali ghall-esproprjazzjoni tal-fondi *de quo* u wara li tiddikjara u tiddeciedi li jezisti dan l-istat ta’ fatt konsegwentement:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li gew lezi u vvjolati mill-intimati d-dritt tal-kumpanija rikorrenti:

a. Ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha kif protett bl-Ewwel Artikolu ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

b. Ghal smiegh minn tribunal indipendenti u imparzjali kif protett bl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u dan stante illi l-Bord imwaqqaf mill-Kap. 88 m’huwiex tribunal indipendenti u imparzjali;

c. Ghall-access ghall-awtorita' gudikanti kif protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea; u

d. Ghal smiegh fi zmien ragjonevoli kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi t-tehid tal-proprjeta' tal-kumpanija rikorrenti fuq imsemmija llum jiddifetta minn skop pubbliku u ghalhekk, id-Dikjarazzjoni tal-President tat-23 ta' Frar 2003, li biha, l-istess proprjeta' tar-rikorrenti giet esproprjata hija nulla, bla effett u/jew mhux aktar effettiva u per konsegwenza tordna lill-intimat, il-Kummissarju ta' l-Art, jirritorna immedjatament lill-kumpanija rikorrenti l-proprjeta' taghha kolpita mill-imsemmija Dikjarazzjoni tal-President.

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati ghandhom ihallsu lill-kumpanija rikorrenti danni morali minhabba l-imsemmija vjolazzjonijiet tad-drittijiet fondamentali taghha da parti taghhom, tillikwida l-istess danni morali u tikkundanna lill-intimati solidalment ihallsu lill-kumpanija rikorrenti dawn id-danni hekk likwidati.

4. Tiddikjara u tiddeciedi illi b'rizultat tat-tehid tal-proprjeta' tal-kumpanija rikorrenti kif fuq imsemmi, il-kumpanija rikorrenti soffriet danni reali, konsistenti, *inter alia*, fir-restrizzjoni mill-1993 li taghmel uzu minn u tgawdi l-proprjeta' taghha fuq indikata, tillikwida l-istess danni reali, jekk ikun hemm il-bzonn bl-opera ta' perit nominand, u tikkundanna lill-intimati solidalment ihallsu lill-kumpanija rikorrenti dawn id-danni hekk likwidati.

5. Taghti lill-kumpanija rikorrenti kull rimedju iehor li talvolta jkun jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi.

**JEW**

B. F'kaz li jirrizulta illi t-tehid tal-proprjeta' fuq imsemmija llum ghadha mehtiega ghal skop pubbliku li hu konkret u

reali u wara li tiddikjara u tiddeciedi li jezisti dan l-istat ta' fatt, konsegwentement:

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li gew lezi u vvjolati mill-intimati d-dritt tal-kumpanija rikorrenti:

(a) Ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha kif protett bl-ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

(b) Ghal smiegh minn tribunal indipendenti u imparzjali kif protett bl-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u dan stante illi l-Bord imwaqqaf mill-Kap. 88 m'huwiex tribunal indipendenti u imparzjali;

(c) Ghal access ghall-awtorita' gudikanti kif protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea; u

(d) Ghal smiegh fi zmien ragjonevoli kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

(2) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati ghandhom ihallsu lill-kumpanija rikorrenti danni morali minhabba l-imsemmija vjolazzjonijiet tad-drittijiet fondamentali taghha da parti taghhom, tillikwida l-istess danni morali u tikkundanna lill-intimati solidalment ihallsu lill-kumpanija rikorrenti dawn id-danni hekk likwidati.

(3) a) Tistabbilixxi l-prezz u l-kundizzjonijiet li permezz taghhom, il-proprjetajiet *de quo* ghandhom jigu trasferiti mill-kumpanija rikorrenti lill-intimat Kummissarju ta' l-Art.

b) Tikkundanna lill-intimat Kummissarju ta' l-Art sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss, jaddivjeni ghall-kuntratt relattiv ghat-trasferiment lilu mill-kumpanija rikorrenti tal-immobbli proprjeta' taghha mertu ta' dan ir-rikors u dan versu l-pattijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti skont it-talba precedenti.

c) Tinnomina nutar pubbliku sabiex jippubblika l-kuntratt ta' trasferiment relattiv fil-jum, hin u lok li jigu ukoll stabbiliti u kuraturi nominati sabiex jirraprezentaw lill-

eventwali kontumaci fuq l-istess kuntratt u dan taht dawk il-provvedimenti l-ohra li din l-istess Onorabbli Qorti joghgobha taghti.

(4) Tiddikjara u tiddeciedi illi b'rizultat tat-tehid tal-proprjeta' tal-kumpanija rikorrenti kif fuq imsemmi, il-kumpanija rikorrenti soffriet danni reali, konsistenti, *inter alia*, fir-restrizzjoni milli taghmel uzu minn u tgawdi l-proprjeta' taghha fuq indikata mill-1993 sad-data tal-kuntratt tat-trasferiment relattiv kif mahsub fit-talba precedenti, tillikwida l-istess danni reali, jekk ikun hemm il-bzonn bl-opera ta' perit nominand, u tikkundanna lill-intimati solidalment ihallsu lill-kumpanija rikorrenti dawn id-danni hekk likwidati.

(5) Taghti lill-kumpanija rikorrenti kull rimedju iehor li talvolta jkun jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimati, li in forza taghha eccepew illi:

Preliminarjament, din l-azzjoni hija improponibbli f'dan l-istadju billi hija afflitta min-nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju u intempestivita', stante illi sid ta' sehem indeterminat minn fond ma jistax jippromwovi azzjoni li tirrigwarda dak il-fond. Is-socjeta' rikorrenti ma tistax tressaq talbiet li jirrigwardaw il-fond kollu stante illi hija m'ghandhiex id-dominju tal-fond kollu, u huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza li wiehed ma jistax jezercita azzjonijiet ta' sid fuq proprjeta' li m'hijiex tieghu. Semmai is-socjeta rikorrenti tista' tressaq talbiet li jirrigwardaw esklussivament il-parti li ghandha mill-fondi in kwistjoni fejn dan ikun possibbli. Izda fil-kaz odjern lanqas dan l-agir m'hu possibbli stante li s-sehem tar-rikorrenti ghadu indeterminat u ghalhekk kwalunkwe azzjoni li tniedi ma tistax b'mod konkret tigi ristretta ghall-parti li taghha ghandha d-dominju dirett.

L-esponenti jaffermaw illi l-fondi mertu tal-kawza kienu u ghadhom mehtiega ghal skop pubbliku, u ghaldaqstant,

jekk ir-rikorrenti qed tallega il-kuntrarju, imiss lilha illi tipprova li l-iskop li ghalih ittiehdu l-fondi m'ghadux jissussisti.

Galadarba fil-fehma soda ta' l-esponenti kien hemm u ghad hemm skop pubbliku wara l-esproprju in kwistjoni, l-istess esponenti se jwiegbu ghat-talbiet tar-rikorrenti kif kontenuti fil-pagna 5 *et seq* tar-rikors taghha, ghalkemm jixtiequ josservaw illi jidhrilhom li jekk ir-rikorrenti m'hijiex konvinta li ma jezistix skop pubbliku kien messha halliet barra dan l-aspett u mhux ressqet zewg xenarji b'zewg elenki differenti ta' talbiet fl-istess kawza dwar l-istess fondi involuti fil-kawza.

Ghar-rigward tal-paragrafu (a) ta' l-ewwel talba attrici, l-esponenti jidhrilhom li ma kien hemm ebda ksur tad-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta' stante illi l-fondi ttiehdu mill-esponent Kummissarju ta' l-Art skont ma jipprovdi il-Kap. 88, u l-procedura ta' esproprjazzjoni kif kontenuta f'dik il-ligi m'hijiex qed tigi attakkata f'din il-kawza. Huwa dritt ta' kull Stat, rikonoxxut mill-Konvenzjoni Ewropea fl-istess Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol, illi "**jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta' skont l-interess generali".**

Ghar-rigward tal-paragrafu (b) ta' l-istess talba, l-esponenti jidhrilhom illi galadarba ghadhom ma bdewx proceduri quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg dwar l-Artijiet (LAB), m'huwiex il-kaz li din il-Qorti tilqa' t-talba attrici anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument tasal biex taqbel ma' l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-imsemmi Bord verament ma jistax jitqies li hu "tribunal indipendenti u imparzjali". Dan stante illi jekk tiddikjara li "**gew lezi u vvjolati**" id-drittijiet tar-rikorrenti f'dan ir-rigward tkun qeghda ssib li sehhet lezjoni li fil-fatt ghadha ma sehhitx (enfasi ta' l-esponent). Ghalhekk, il-Qorti ghandha tikkonsidra din it-talba tar-rikorrenti bhala intempestiva doppjament minhabba illi:

i) kif diga' ntqal il-lezjoni ghadha ma sehhitx; u

ii) fi kwalunkwe kaz, peress illi se jsiru emendi ghall-Kap. 88 li jolqtu proprju l-kostituzzjoni ta' l-LAB, l-esponenti jikkontendu illi tali lezjoni qatt m'hi se tavvera ruhha fil-futur.

Ghar-rigward tal-paragrafu (c) ta' l-istess talba, din il-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha stante illi jekk l-ilment tar-rikorrenti huwa bbazat fuq il-fatt li ghadhom ma bdewx il-proceduri sabiex tigi ikkumpensata, u allura hija ma setghetx tirrikorri quddiem il-Qrati, dan mhux minnu stante illi hija kellha rimedju ordinarju ghad-dispozizzjoni taghha konsistenti f'azzjoni quddiem din il-Qorti f'sede civili illi permezz taghha setghet titlob lill-esponent Kummissarju ta' l-Art sabiex jaghmel l-att jew atti li jiddependu minnu skont il-ligi u hekk jitkompla l-process ta' esproprjazzjoni, stante illi huwa principju legali maghruf li meta l-ligi ma tiffissax terminu biex jitwettaq xi att, min hu interessat jista' jadixxi l-Qorti ordinarja biex din tiffissa terminu xieraq skont ic-cirkostanza.
Ghar-rigward tal-paragrafu (d) tat-talba attrici, din il-Qorti ghandha wkoll tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha billi, kif diga' ntqal, ir-rikorrenti kellha rimedju ghad-dispozizzjoni taghha li hija ghazlet li ma tutilizzax, apparti mill-fatt illi jekk dehrilha (erronjament, fil-fehma ta' l-esponenti) li ma kienx hemm rimedju iehor applikabbli setghet ukoll tniedi din l-azzjoni Kostituzzjonali fi stadju ferm aktar bikri. Huwa principju tal-ligi li m'huwiex koncess illi persuna torqod fuq id-drittijiet taghha u imbaghad tressaq azzjoni sabiex taffermahom wara trapass konsiderevoli ta' zmien. In oltre, f'dan il-kaz il-kumpanija rikorrenti qed taghmel aghar minn hekk, ghax halliet iz-zmien jghaddi inutilment sabiex imbaghad bl-ardir kollu qeghda tirreklama ksur tad-dritt ghal smigh xieraq <u>fi zmien ragjonevoli</u>. L-esponenti jidhrilhom li dan mhux il-mod kif ghandha titwettaq il-gustizzja, u li huwa indikat li din l-Onorabbli Qorti tiehu konjizzjoni ta' dan il-fatt.
Ghar-rigward tat-tieni talba, isegwi mis-suespost illi ma jissussistu ebda danni morali li ghandhom jithallsu lir-rikorrenti; fi kwalunkwe kaz, jekk ghall-grazzja ta' l-argument din l-Onorabbli Qorti tikkonkludi li ghandhom jithallsu xi Danni, dawn m'ghandhomx jeccedu l-ammonti

li normalment jinghataw mill-Qrati taghna, inkluz il-Qorti Kostituzzjonali infisha, f'kazijiet simili.
Ghar-rigward tal-paragrafu (a) tat-tielet talba, it-talba hawn kontenuta ma tistax tintlaqa' stante illi fl-ewwel lok kif diga' inghad, ir-rikorrenti la hija s-sid tal-fondi kollha u lanqas ma hija sid ta' parti identifikabbli minnhom. Apparti minn dan, ir-rikorrenti qeghda tpoggi l-karru qabel iz-ziemel hawnhekk, peress illi mhux il-kompitu ta' din l-Onorabbli Qorti li tistabilixxi l-hlas dovut f'kazijiet ta' art esproprijata. Din hija funzjoni li bil-ligi tappartjeni esklussivament lill-LAB, u kif diga' gie osservat il-proceduri quddiem dak il-Bord ghadhom lanqas biss bdew.
Rigward il-paragrafu (b) tat-tielet talba, din hija daqstant inakkoljabbli, kemm ghall-istess raguni ta' nuqqas ta' interess guridiku car li tapplika ghall-paragrafu (a) kif ukoll peress illi mhux il-kompitu ta' din il-Qorti illi taghti ordni simili galadarba tali ordni setghet facilment tinghata mill-Prim'Awla fi proceduri appoziti li r-rikorrenti tista' tressaq u li s'issa ghadha ma intavolatx. Barra minn hekk, fi kwalunkwe kaz din it-talba hija intempestiva billi l-LAB ghadu ma stabbilixxiex l-ammont dovut bhala hlas ghall-proprjetajiet in kwistjoni.

Ghar-rigward tar-raba' u l-hames talba, *dato ma non concesso* li r-rikorrenti ghandha interess konkret bizzejjed biex tagixxi ghar-rigward tal-fondi in kwistjoni, hija trid l-ewwel tipprova illi hija verament soffriet Danni fizici minhabba fl-esproprju tal-fondi in kwistjoni, **u li tali danni kienu 'l hinn mill-poter taghha li twaqqafhom jew tipprevenihom**, qabel ma din il-Qorti tista' tipprospetta l-ghoti ta' xi ammont ta' danni.

L-esponenti ma jistghux jifhmu precizament liema huma d-danni li qed jigu rikjamati mir-rikorrenti. Dan billi:

(i) meta gew esproprjati, il-fondi kienu fi stat ta' abbandun tali illi daqqa t'ghajn oggettiva kienet tindika mill-ewwel li ma setax isir uzu dicenti minnhom. Il-fatt li dawn il-fondi jidher illi huma parti minn wirt li ghadu ma nqasamx jista' jkun raguni ghal dan izda, fi kwalunkwe kaz, xorta jibqa' l-fatt li l-esproprju pjuttost holoq opportunita' u mezz biex

ikun jista' jsir intervent fuq il-bini bhala parti minn ezercizzju ta' *upgrading* tal-belt kapitali Valletta; dan stante li l-fondi, fl-istat li kienu fih sa minn qabel zmien l-esproprju, kienu jikkostitwixxu *eyesore* sostanzjali;

ii) bhala konsegwenza tal-fatt li l-fondi kienu fi stat tant dilapidat, l-esponenti jidhrilhom li ma kinux qeghdin jigu uzati, ta' l-inqas b'mod regolari, u wisq inqas kienu qeghdin jinkrew – fatt li jixhed it-traskuragni li biha kienu qeghdin jigu mizmuma; infatti, il-ftit nies li nstabu 'jghammru' (jekk wiehed jista' juza l-kelma) fil-blokka ta' bini li tinkludi dawn il-fondi kienu hemm b'mod arbitrarju u minghajr il-permess tar-rikorrenti u s-sidien l-ohrajn, tant li l-esponent Kummissarju ta' l-Artijiet kellu jipprocedi bi proceduri ta' *eviction* fil-konfront taghhom;

iii) il-ko-proprjetarji certament li ma kinux mizmuma milli jgawdu l-proprjeta' tul il-perjodu ta' zmien mit-3 ta' Frar 1993 meta harget id-Dikjarazzjoni Presidenzjali sa l-2001 meta l-Gvern ha l-pussess tal-fondi in kwistjoni, u fil-fatt tali tgawdija setghet tkompli anke wara, in vista tal-fatt li kien biss fl-2006 li l-esponent Kumissarju ta' l-Art imbarra l-access ghal dawn il-fondi, u dan wara li kienu twettqu l-evictions necessarji.  Parti mill-proprjeta' konsistenti jew uzata bhala mahzen jidher li f'xi zmien kienet tintuza mill-kumpanija Roger Satariano & Sons Ltd, izda dan l-uzu jidher li kien waqaf ghal kollox jew kwazi miz-zmien meta sar l-esproprju 'l hawn;

iv) fid-dawl ta' dan kollu, wiehed difficli jifhem b'liema mod is-socjeta' rikorrenti kif ukoll il-ko-proprjetarji l-ohrajn kollha, kellhom f'mohhhom illi jgawdu l-fondi in kwistjoni, galadarba dawn il-fondi – kieku stess is-sidien varji taghhom kien jirnexxilhom jiftehmu bejniethom – ma kinux fi stat li jinkrew, u wisq anqas li jinbieghu jekk mhux ghat-twaqqigh.  Wiehed irid iqis li bl-inerzja li urew ir-rikorrenti u l-ko-proprjetarji l-ohrajn difficilment jidher li kienu ser isiru jew setghu isiru xi zviluppi redditizji fil-futur qrib li jikkoncernaw il-proprjeta' in kwistjoni.  Ma' dan jizdied ukoll il-fatt li – stante illi jinsabu sitwati fil-qalba tal-belt Valletta, u cioe' f'dik li skont il-ligijiet applikabbli ghall-ippjanar tissejjah Urban Conservation Area – il-

possibilitajiet ta’ zvilupp li huma miftuha ghas-siti in kwistjoni huma ristretti, u ftit li xejn jippermettu t-tip ta’ zvilupp redditizju li huwa possibli li jsir f’zoni ohra tal-gzejjer. Ghalhekk l-esponenti jhossu li l-fatt li l-awtoritajiet intervjenew sabiex jesproprjaw dawn il-fondi pjuttost li aktar kien ta’ vantagg ghar-rikorrenti u l-ko-proprjetarji l-ohrajn milli ta’ dannu.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kontenuti fir-rikors odjern bl-ispejjez kontra s-socjeta’ rikorrenti B. Tagliaferro & Sons Limited.

Rat li s-socjeta’ rikorrenti irrinunzjat ghall-fond 110, Triq l-Arcisqof, il-Belt Valletta;

Rat li din il-kawza imxiet flimkien mal-kawza fl-ismijiet ‘Coleiro Brothers Limited vs Kummissarju tal-Art et’ (Rikors numru 43/09) li giet deciza wkoll illum;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-affidavits li pprezentaw il-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat ir-rapport tal-perit tekniku l-AIC Joseph Ellul Vincenti;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li fl-1993, l-intimat Kummissarju ta’ l-Art, f’isem il-Gvern ta’ Malta, esproprja diversi bini fi Triq id-Dejqa u fi Triq l-Arcisqof, il-Belt Valletta, sabiex jigu konvertiti u uzati bhala ufficju ta’ l-Avukat Generali. Uhud mill-bini jappartjenu fi proprjeta’ lis-socjeta’ rikorrenti f’din il-kawza u lis-socjeta’ rikorrenti fil-kawza konnessa, u dan flimkien ma’ terzi. Ghal zmien twil, ma sar xejn fir-rigward, u jirrizulta li peress li f’parti mill-bini kien hemm squatters u inkwilini, l-awtoritajiet governattivi ma setghux jiehdu pussess ta’ l-istess. Fil-fatt, ghalkemm ftit wara l-esproprju

kienu saru pjanti preliminari ghall-izvilupp ta’ l-istess bini, bejn l-1996 sa l-2007, il-pozizzjoni kienet illi l-Avukat Generali kien qed jinterpella diversi drabi lid-dipartiment ta’ l-artijiet sabiex dawn jiehdu passi biex is-sit jigi vakat. Min-naha l-ohra, dan id-dipartiment kien jikteb lill-awtorita’ tad-djar biex din tipprovdi akkomodazzjoni alternattiva fejn ikunu jistghu jpoggu l-isquatters u l-inkwilini li kienu qeghdin jokkupaw parti minn dan is-sit. Kien mistenni li dawn l-inkwilini japplikaw huma ma’ l-awtorita’ ghall-post alternattiv, izda uhud mill-inkwilini ma applikawx ghall-post alternattiv, bir-rizultat li l-process ta’ rilokazzjoni ha tul ta’ zmien. Eventwalment, il-problema waslet ghal quddiem il-Ministru tal-Gustizzja, u f’April tas-sena 2000 u f’Jannar ta’ l-2001, inhargu “eviction orders” fil-konfront tal-persuni in okkupazzjoni ta’ uhud mill-bini in kwistjoni.

Nonostante dan, baqghet ghaddejja korrispondenza bejn il-Kummissarju ta’ l-Art u l-Awtorita’ tad-Djar biex il-persuni li kienu baqghu fil-post jinstabilhom akkomodazzjoni alternattiva. Fil-frattemp, fl-2003, is-socjeta’ rikorrenti bdiet hi b’korrispondenza mal-Kummissarju ta’ l-Art sabiex tithallas kumpens xieraq ghall-fondi mehuda; bi protest gudizzjarju tat-30 ta’ Lulju 2008, is-socjeta’ rikorrenti talbet li jigu ritornati lilha l-fondi u li tithallas kumpens ghall-okkupazzjoni mill-1993 sal-gurnata tar-rilaxx effettiv. Il-Kummissarju ta’ l-Art ma wegibx ghall-ittri u ghall-protest gudizzjarju li ntbghatlu, pero’, kompla bl-isforzi tieghu biex il-bini jitbattal. Jidher li fl-2007 hareg kulhadd u wara li tressqu pjanti godda lill-Awtorita’ Maltija ta’ l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) sabiex l-izvilupp jigi approvat, il-process beda jimxi b’pass imdaqqas. Bhal issa, l-applikazzjoni ta’ l-Avukat Generali ghall-izvilupp tas-sit qed jigi processat mill-imsemmija awtorita’. Il-gvern, f’Gunju ta’ l-2009, hareg ukoll dikjarazzjoni gdida ta’ tehid ta’ proprjeta’ u bil-hsieb li jinnotifika lis-sidien bil-kumpens li qed joffri; b’hekk, issa, il-Gvern sar proprjetarju tal-bini bis-sahha ta’ l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Is-socjeta’ rikorrenti ressqet diversi ilmenti marbuta ma’ dan l-esproprju u d-dewmien fil-konkluzjoni tal-process relattiv ghall-hlas ta’ kumpens xieraq u gust; in partikolari

tilmenta mill-fatt tat-tehid tal-proprjeta' taghha ghall-iskop indikat, mit-tul ta' zmien (16-il sena) biex inbdew il-proceduri ghall-hlas ta' kumpens, u mill-fatt li ma kellhiex access ghal tribunal indipendenti u imparzjali fejn tressaq l-ilmenti taghha.

Trattat l-aggravji marbuta mal-esproprju tal-bini u l-iskop li ghalih sar dan it-tehid, is-socjeta' rikorrenti targumenta li l-uzu intenzjonat ghall-bini, biex iservi bhala ufficcju tal-Avukat Generali, ma jinkwadrax fi "skop pubbliku" fis-sens tal-ligi, u, f'kull kaz, il-Gvern ghandu diversi proprjeta' tieghu li jista' juza' ghal dan l-iskop u ma kellux ghalfejn jiehu u jinqeda bi proprjeta' taghha.

Fil-kawza fl-ismijiet "<u>Cachia vs Avukat Generali et</u>" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Dicembru, 2001, dik il-Qorti accennat ghas-segwenti principji li ghandhom japplikaw ghall- kaz ta' esproprju:

*"a) Il-ligijiet li jaghtu s-setgha lill-Istat li jesproprja proprjeta' ta' individwi huma rikonoxxuti bhala mehtiega f'socjeta' demokratika biex jassiguraw l-attwazzjoni ta' zvilupp socjali u ekonomiku fl-interess tal-kollettivita'. Hu pacifiku li dan id-dritt huwa rikonoxxut kemm fl-art. 37 tal-Kostituzzjoni kif ukoll fl-ewwel artikolu ta' l-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Infatti l-Kostituzzjoni tipprovdi li ebda haga fl-art. 37, li jenuncja l-jedd fondamentali ta' l-individwu kontra t-tehid obligatorju tal-proprjeta' tieghu, "m'ghandha tinftiehem li tolqot l-ghemil jew il-hdim ta' xi ligi sa fejn tipprovdi ghat-tehid ta' pussess jew akkwist ta' proprjeta' …….." Fl-istess vena l-ewwel artikolu ta' l-ewwel Protokoll, li wkoll jenuncja l-istess dritt, jipprovdi li d-disposizzjonijiet f'dak l-artikolu "m'ghandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta' skont l-interess generali jew biex jizgura hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni".*

*b) Kellu jkun ukoll manifest illi d-dritt moghti lill-Istat li b'ligi jesproprja l-proprjeta tal-privat, ma kienx u ma huwiex wiehed assolut u insindakabbli, izda kellu jigi ezercitat strettament fil-parametri stabbiliti mhux biss fil-*

*ligi li tawtorizza l-esproprju, imma wkoll fl-osservanza shiha tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni. F'dan ir-rigward l-operat ta' l-Istat hu soggett ghall-verifika mill-organi gudizzjarji.*

*c) Id-dritt ta' l-esproprju moghti lill-Istat ghandu jitqies li hu eccezzjoni, ossia limitazzjoni tad-dritt fondamentali ta' kull individwu li jgawdi il-proprjeta' pacifika tal-possedimenti tieghu. Dan ifisser li l-jedd ta' l-individwu kellu jipprevali fejn l-Istat ma jkunx issodisfa adegwatament l-osservanza tad-dettami tal-Kostituzzjoni, tal-Konvenzjoni jew tal-Ligi li bis-sahha taghha agixxa. Il-limitazzjonijiet tal-jeddijiet fondamentali, kif enuncjati kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll fil-Konvenzjoni, kellhom allura jigu applikati restrittivament fis-sens li f'kaz ta' dubju dak id-dubju kellu jmur favur l-individwu u mhux favur l-Istat. Dan naturalment ma jfissirx li fejn l-Istat ghandu margini wiesgha ta' azzjoni dan kellu jigi b'xi mod imnaqqas jew imxekkel b'xi process ta' interpretazzjoni.*

*d) Una volta l-limitazzjoni kienet favur l-Istat, kien jispetta lil, u jinkombi fuq, l-Istat li jipprova adegwatament li fil-kaz partikolari taht ezami kienu jokkorru dawk l-elementi sine qua non mehtiega biex jintitolawh jagixxi fil-konfront ta' l-individwu b'mizura, in forza ta' ligi, li tkun ser tipprivah mill-possedimenti tieghu jew l-uzu taghhom. Rikonoxxut li d-dritt ta' l-Istat li jesproprja jew jillimita l-uzu tal-possedimenti ta' l-individwu kien jikkostitwixxi deroga tal-jedd fondamentali u limitazzjoni tieghu, kien car illi dak id-dritt kellu jigi ezercitat biss fejn u sa kemm kien necessarju. Dan ghax kien fuq kollox obbligu primarju ta' l-Istat li jirrikonoxxi d-drittijiet fondamentali ta' l-individwu, iwettaqhom u jharishom. L-Istat allura, ma kellux, bla raguni valida u gustifikattiva skont il-ligi, il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, bla bzonn ixekkel il-jedd ta' individwu ghat-tgawdija tal-possedimenti tieghu, u tali xkiel fejn mehtieg, kellu mhux biss ikun proporzjonat, mal-htigijiet tal-kollettivita' imma wkoll ma kellux jestendi lil hinn mill-htigijiet taghha. Minn dan johrog il-principju bazilari ghall-mertu taht ezami li fejn il-process tat-tehid tal-proprjeta' ma jkunx gie konkjuz, u allura il-mizura setghet titqies f'dak l-istadju bhala wahda ta' tehid ta'*

*pussess jew regolament ta' uzu ta' proprjeta', l-Istat kellu l-obbligu li jirrilaxxja l-possediment lill-individwu, proprjetarju taghhom biex igawdihom appena ikun jirrizulta li ma kienetx ghadha tokkorri r-raguni valida u gustifikattiva li pprovokat l-azzjoni ta' l-Istat."*

Fid-dawl ta' dawn il-principji, din il-Qorti hi tal-fehma, li, f'dan il-kaz, l-uzu prospettat tal-bini biex iservi bhala ufficcju tal-Avukat Generali, jissodisfa l-iskop tal-interess pubbliku kif mehtieg fil-ligi. L-iskop ma jistax jinghad illi huwa wiehed privat, ghax li l-Avukat Generali jkollu ufficcju denju tal-isem huwa zgur fl-interess tac-cittadini in generali. L-Avukat Generali jwettaq doveri kostituzzjonali u fl-interess tal-istat Malti, u ma jistax jinghad li l-proprjeta' qed tittiehed fl-interess esklussivament privat. Wiehed irid ifakkar li l-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, invokata mis-socjeta' rikorrenti bhala bazi tal-lanjanzi taghha, ma tippermettix it-tehid ta' proprjeta' privata ssir "ghal skop pubbliku", izda tippermetti li ssir "fl-interess pubbliku", u ghalkemm il-frazi "skop pubbliku" tista' titqies li taghti aktar latitudini lill-Gvern dwar x'inhi r-raguni tal-esproprju, l-"interess pubbliku" huwa sodisfatt meta jirrizulta li l-esproprju jkun mehtieg biex tiggova lill-komunita', anke jekk dan kien mehtieg li jsir a skapitu tal-interess privat.

Fil-kawza "<u>Cutajar noe vs Kummissarju tal-Art et</u>", deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Novembru, 2001, intqal hekk dwar it-tifsira tal-interess pubbliku:

*"Il-Qorti Ewropeja fir-rigward tas-sinifikat tat-terminu "the public interest" fl-ewwel artikolu ta' l-ewwel Protocol tal-Konvenzjoni, irriteniet illi "a deprivation of property effected for no reason other than to confer a private benefit on a private party cannot be "in the public interest" . Nonetheless the compulsory transfer of property from one individual to another may, <u>depending upon the circumstances, constitute a legitimate aim for promoting the public interest".</u> Din l-enuncjazzjoni ta' principju fil-kawza "James and others (1986)", giet ulterjorment elaborata fl-istess gudizzju hekk "The taking of property effected in pursuance of legitimate social, economic or*

*other policies may be "in the public interest" even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken"*.

F'dan il-kaz, it-tehid ma sarx "to confer a private benefit on a private party", izda fl-interess generali tac-cittadini. L-Avukat Generali, bhal issa, qed jinqeda mill-bini maghruf bhala l-Main Guard, fil-pjazza San Gorg, u mill-parti tal-Palazz tal-President ta' Malta, u d-decizjoni tal-Gvern li johrog l-ufficcju minn dan il-Palazz biex dan jinghata lura d-dinjita' li tixraqlu, ma tistax titqies mhux fl-interess generali. Inoltre, il-funzjonijiet tal-Avukat Generali qed jizdiedu b'pass mghaggel u fejn bhalissa hu allokat ma jistax jespandi, u ghandu bzonn post akbar biex ikun jista' jwettaq ahjar il-funzjonijiet tieghu. Li l-Avukat Generali jigbor l-ufficcju tieghu f'post wiehed u aktar adattat ghalih huwa zgur fl-interess pubbliku, ghax hu fl-interess ta' kulhadd li dan l-ufficcju jopera b'aktar efficcjenza u speditezza. Din il-Qorti tara li, f'dan il-kaz, inholoq "a fair balance" bejn l-interess generali tal-komunita' u l-htiega ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-individwu, mehud in konsiderazzjoni li l-uzu tal-proprjeta' huwa ta' interess u ta' importanza kbira ghall-universalita' tal-pubbliku fl-istat Malti. Il-privazzjoni li l-individwu garrab bit-tehid tal-proprjeta' tieghu, ma hijiex wahda arbitrarja, ghax l-esproprju sar "*in pursuance of legitimate social economic or other policies*" – kif intqal fil-kaz "<u>James et vs United Kingdom</u>", deciz mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-1986 – u, allura, konformi ma' dak li trid il-Konvenzjoni Ewropea msemmija.

Is-socjeta' rikorrenti tilmenta li l-Gvern ma kellux ghalfejn jiehu l-proprjeta' taghha ghall-ghan mixtieq, u seta' inqeda b'diversi proprjeta' ohra li diga' jappartjenu lilu. Din il-Qorti ma tarax li ghandha tindahal fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-Gvern dwar kif juza l-proprjeta' tieghu. Il-Gvern seta' , per ezempju, iddecieda li jpoggi l-ufficcju tal-Avukat Generali fil-forti ta' Sant'Iermu, jew f'xi bini iehor gewwa l-Belt, pero', ma tarax li l-Gvern ha decizjoni irragjonevoli meta ddecieda li juza bini kwazi vojt, li jofri spazju imdaqqas u vicin il-bini tal-Qorti ghal dan l-iskop. Id-decizjoni li ha l-Gvern hi wahda amministrattiva, u l-qrati

ma jistghux jissostitwixxu d-diskrezzjoni taghhom ghal dik tal-awtoritajiet kompetenti.

Sakemm id-decizjoni tkun intra vires il-poteri tal-amministrazzjoni u mhux irragjonevoli fic-cirkostanzi tal-kaz, dik id-decizjoni trid tigi rispettata. Kif inghad, ufficcju imdaqqas u adegwat ghall-Avukat Generali huwa fl-interess generali, u li dan jinholoq f'binja battal li jista', tal-anqas minn gewwa, jigi modifikat ghall-uzu mehtieg, u bl-anqas xkiel ghall-uzu li qed isir fi proprjeta' ohra tal-Gvern, ma jistax jitqies irragjonevoli. Kwindi, din il-Qorti qed tichad l-ewwel ilmenti tas-socjeta' rikorrenti marbuta mal-esproprju u mal-uzu kontemplat li jsir mill-bini esproprjat.

Hu veru li d-dewmien fl-esekuzzjoni tal-progett jista' jindika li dan l-"interess pubbliku" spicca. Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Bezzina Wettinger et vs Kummissarju tal-Artijiet", deciza fl-10 ta' Ottubru, 2003, dan l-interess generali,

*"Ma tistax tithalla fuq il-mera ipotesi ta' bzonn potenzjali, kif lanqas hu lecitu illi l-istat jibqa' jippriva individwu mit-tgawdija tal-possedimenti tieghu, meta l-uzu fl-interess pubbliku jew fl-interess generali, li kien originarjament jissussisti ma jibqax ghal xi raguni jew ohra mehtieg......*

*".....Kien l-istat li kellu jaghmel il-prova, mhux biss illi kien hemm konkretament il-htiega ta' l-uzu tal-proprjeta` fl-interess pubbliku jew fl-interess generali, imma wkoll li dak il-bzonn jibqa' jissussisti sal-mument meta l-art tkun ghaddiet definittivament f'idejn l-istat bit-temm tal-proceduri ta' esproprijazzjoni".*

F'dan il-kaz, pero', din il-Qorti tghid li l-interess generali ghadu vigenti u attwali. L-Avukat Generali qatt ma warrab dan l-interess u ghalkemm kien hemm dewmien fil-process (dewmien li, dwar in-natura tieghu, il-Qorti sejra tistharreg 'l quddiem), il-bini esproprjat baqa' "ear marked" ghall-istess skop, u fil-fatt, f'dawn l-ahhar snin, il-process jidher li ha spinta, u l-iskop qatt ma gie abbandunat.

Kif intqal, it-tehid ta' proprjeta' irid johloq "a fair balance", bejn l-interessi tal-istat u dawk tal-individwu koncernat. Dan il-bilanc jesigi li l-process ta' tehid u ghoti ta' kumpens jinghalaq fi zmien ragjonevoli. F'dan il-kaz, hi determinazzjoni ferma ta' din il-Qorti li f'dan is-sens dan il-bilanc ma giex rispettat. L-esproprju, kif inghad, sar fl-1993, izda ghal zmien twil ma sar xejn, u l-Gvern dam sal-2007 sabiex, fl-ahhar, hareg lil kulhadd mill-bini. Hu veru li l-gvern jista' jargumenta li ma kellux rizorsi bizzejjed biex jakkomoda lil kull min jabita fil-bini, izda jekk kien hekk allura ma kellux jiffriza l-proprjeta' ghall-erbatax-il sena, imma kellu jahseb li jkollu akkomodazzjoni alternattiva qabel ma jipprovdi bl-esproprju. Meta gvern irid imiexxi bis-serjeta' bi progett, mhux l-ewwel darba li jaqbez il-burokrazija u jsib alternattiva ghal min ikun in okkupazzjoni tal-bini li jrid juza; l-esperjenza ricenti ta' meta l-Gvern battal il-hwienet madwar Bieb il-Belt f'qasir zmien fid-dawl tal-progett in konnessjoni mad-dahla ghall-Belt huwa ezempju car!

Darba li l-Gvern iddecieda li jesproprja l-bini, kellu jiehu passi biex iwettaq il-progett fi zmien qasir, u mhux idum seba' snin biex anke johrog l-eviction orders kontra l-persuni in okkupazzjoni ta' partijiet mill-bini. Din il-Qorti ma taccettax li l-awtorita' kellha tieghu erbatax-il sena biex tizgombra lil min kien in okkupazzjoni u tipprovdilhom l-akkomodazzjoni alternattiva. Hu car li, ghall-ewwel snin, ma kienx hemm impenn serju biex il-bini jigi vakat, u l-materja thalliet tinhema fil-burokrazija tac-civil Malti. Kien, tista', tghid fl-ahhar hames/sitt snin li l-materja bdiet tigi trattata b'aktar serjeta', izda ghal dan id-dewmien kollu, precedenti u anke ricenti, zgur ma ghandhiex tbati s-socjeta' rikorrenti. Process ghaqli ma kellux jiehu aktar minn sentejn, forsi tlett snin, izda erbatax-il sena huwa zgur irragjonevoli.

Inoltre, tul dan iz-zmien kollu, anzi sal-2009, is-socjeta' rikorrenti mhux biss thalliet bla kumpens, izda lanqas biss saret offerta ta' kumpens, b'mod li s-socjeta' baqghet ma tafx x'sejjer jigri bi proprjeta' taghha, u lanqas setghet tipprocedi gudizzjarjament biex tikkontesta l-offerta' li suppost saritilha fi zmien qasir u ragjonevoli mill-

esproprju. Dan id-dewmien tellef lis-socjeta' rikorrenti milli tikkawtela kif imiss id-drittijiet taghha. Din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Vica Limited vs Kummissarju tal-Artijiet et", deciza fit-3 ta' Frar, 2012, fil-kuntest ta' dewmien anologu ghall-mertu ta' dan il-kaz, izda ta' hamsa u ghoxrin sena. Fil-kuntest tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, dik il-Qorti qalet:

"***69.*** *Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, biex jigi stabbilit jekk il-proceduri ghad-determinazzjoni ta' drittijiet jew obbligazzjonijiet civili jkunux hadu "zmien ragjonevoli" id-data li minnha jibda' jigi komputat iz-zmien mhux necessarjament id-data li fiha jkunu nbdew il-proceduri rilevanti. Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz fuq citat,* **John Curmi nomine v. Il-Kummissarju tal-Artijiet et** *fil-fatt irriteniet li l-fatt li l-Kummissarju tal-Artijiet dam biex beda l-proceduri jammonta ghal vjolazzjoni ta' d-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli. "Dan id-dewmien tal-intimat milli jibda l-proceduri jivvjola l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni in kwantu jammonta ghal privazzjoni minn access ghal tribunal imparzjali u indipendenti."*

*Naraw ukoll kif fil-kaz* **Golder v. UK** *il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet li z-"zmien ragonevoli" jista' jibda' jiskatta anke qabel ma jinbdew il-proceduri quddiem Qorti jew tribunal. Hija spjegat li ghalkemm id-dritt ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli ovvjament japplika ghal proceduri li jkunu diga nbdew, dan ma jfissirx li dan id-dritt ghal smigh xieraq jeskludi d-dritt li tali proceduri jinbdew. "While the right to a fair, public and expeditious judicial procedure can assuredly apply only to proceedings in being, it does not, however, necessarily follow that a right to the very institution of such proceedings is thereby excluded." Hija rriteniet li hekk kif f'materja kriminali l-komputazzjoni taz-zmien ragonevoli jista' jiskatta anke qabel ma jindbew il-proceduri quddiem Qorti jew tribunal, "It is conceivable also that in civil matters the reasonable time may begin to run, in certain circumstances, even before the issue of the writ commencing proceedings before the court to which the plaintiff submits the dispute."*

Wara li dik il-Qorti ghamlet ezami tal-fatti tal-kaz, ikkonkludiet fuq dak l-artikolu hekk:

"***73.*** *Dan l-agir rilassat u xejn rispettuz tad-drittijiet ta' haddiehor da parti tal-Kummissarju tal-Artijiet wassal biex il-procedura ghad-determinazzjoni tad-drittijiet civili tas-socjeta` rikorrenti twalet irragonevolment. Minn meta giet ippubblikata d-dikjarazzjoni presidenzjali (1975) sa ma infethu l-proceduri quddiem il-Bord (2000) ghaddew xejn inqas minn hamsa u ghoxrin sena u dan certament li mhux zmien "ragjonevoli". Ma hemmx dubju li l-Kummissarju tal-Artijiet cahhad lis-socjeta` rikorrenti mid-dritt taghha ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli fir-rigward tad-determinazzjoni tad-drittijiet civili taghha u dan bi vjolazzjoni tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.*"

Din il-Qorti tara li dan japplika ghal dan il-kaz, u ghal mod "*rilassat u xejn rispettuz*" kif agixxa l-Kummissarju tal-Art anke f'dan il-kaz, din il-Qorti tqis li zmien ta' sittax-il sena, *and counting (!)*, certament mhux zmien ragjonevoli.

Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta' "Vica Limited", li ghaliha ghadha kemm saret referenza, qalet li d-dewmien ingustifikat jivvjola ukoll l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea. Dik il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet li jghoddu wkoll ghal dan il-kaz.

"***86.*** *Madanakollu, din l-istess Qorti f'**Dr David Tonna et v. Kummissarju tal-Artijiet** (deciza fit-3 ta' Marzu 2011, App. Civ. Nru: 32/06) spjegat kif ghalkemm dan l-artikolu ma jipprovdix espressament ghall-kumpens, "however the existence and extent of compensation is a material factor in the balance of the general interest and private rights, otherwise the protection of Article 1 of Protocol No 1 against confiscations would be illusory and ineffective." Irreferiet ukoll ghall-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick li jispjegaw dan il-principju hekk: "While it is clearly established under the Convention that nationals may not take advantage of the substance of 'the general principles of international law' to protect them against the consequences of deprivation of their property by their own state, the Court has not left such people bereft of*

*protection. What it has said is that the need for a "fair balance" between the public and the private interest that runs through Article 1 of the First Protocol requires, in all but the exceptional case, some compensation." Ghalhekk il-fatt li ma jithallasx kumpens meta tittiehed il-proprjeta` huwa fattur determinanti ghall-Qorti meta tigi biex tiddeciedi jekk inzammx* <u>*bilanc*</u> *bejn l-interess privat u l-interess generali. Issemmi wkoll li fattur li jrid jittiehed in kunsiderazzjoni huwa li "compensation for loss sustained could only constitute adequate reparation where it also took into account damage arising from length of deprivation. It had moreover to be paid within a reasonable time." Dan certament li ma kienx il-kaz fir-rigward tac-cirkostanzi odjerni.*

***87.*** *Fil-fehma ta' din il-Qorti dan id-dewmien jammonta ghal ksur tad-dritt ta' proprjeta` tas-socjetà rikorrenti taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea ghaliex is-socjetà rikorrenti ilha ghal dawn is-snin kollha mcahhda mill-proprjeta` taghha minghajr ma hadet kumpens u ghalhekk il-"bilanc" bejn l-interess taghha u l-interess generali ma nzammx.*"

Hu veru li s-socjeta' rikorrenti setghet agixxiet gudizzjarjament biex il-qrati jimponu termini fuq l-intimat biex dan imexxi bil-process, pero' dan jista' semmai jinfluwixxi l-quantum tad-danni peress illi din il-Qorti tqis li l-obbligu biex jimxi tempestivament hu mixhud fuq l-intimat Kummissarju tal-Art, u jmur kontra kull rispett lejn id-drittijiet fundamentali tal-persuna li wiehed jippretendi mhux biss li ghandha ggor il-piz tal-esproprju izda wkoll li sabiex l-awtorita' pubblika toqghod mal-obbligi imposti fuqha bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropea jrid ikun l-istess vittma li jistitwixxi proceduri biex jigi ffissat terminu li fih l-awtorita' pubblika ghandha taqdi d-dmirijiet taghha.

Kwindi, din il-Qorti tara li fil-kaz, kien jezisti ksur tad-dritt tas-socjeta' rikorrenti ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli fir-rigward tad-determinazzjoni tad-drittijiet civili taghha u dan bi vjolazzjoni tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, u <u>fil-limiti tad-dewmien</u> li ttiehed biex il-kaz jigi processat kif imiss, issib ukoll li jezisti ksur

tad-dritt tas-socjeta' ghall-godiment tal-proprjeta' taht l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea, fil-waqt li issib, pero', li kien hemm u ghad hemm skop pubbliku li hu konkret u reali ghall-esproprjazzjoni tal-fondi in kwistjoni.

Imiss issa li jigu mistharrga l-ilmenti tas-socjeta' rikorrenti marbuta mal-indipendenza u l-imparzjalita' tal-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet (il-Bord), u li taffettwa d-dritt taghha ta' access ghal-qrati jew tribunal.  Dan qed jinghad fid-dawl ta' dak li kien u ghadu jipprovdi l-Kap. 88 aktar qabel imsemmi dwar il-hatra ta' Chairman tal-Bord, u fid-dawl ta' dak li gie asserit mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Frendo Randon et vs Il-Kummissarju tal-Art et", deciza fl-10 ta' Lulju, 2009.

Dwar l-ewwel kwistjoni, is-sottomissjoni tas-socjeta' rikorrenti hi bazata fuq il-fatt li l-ligi, fl-artikolu 23(2), tiddisponi li c-Chairman tal-Bord jinhatar mill-President ta' Malta, izda ma tghix kif jitnehha.  Il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jaghti fakulta' lill-Prim' Imhallef jassenja d-doveri lill-imhallfin u l-magistrati, izda l-Bord mhux wiehed mill-qrati kontemplati f'dak il-Kodici u, ghalhekk, il-poteri li ghandu l-Prim' Imhallef, moghtija lilu b'dak il-Kodici, jistghu ma jitqisux applikabbli ghall-Bord mahtur taht il-Kap. 88 imsemmi.

Bhala fatt, jirrizulta li l-hatra ta' Chairman tal-Bord, almenu f'dawn l-ahhar snin, dejjem saret mill-President ta' Malta b'effett minn data partikolari, izda bla terminu ta' zmien. L-ahhar li inhatar jidher li kien il-Magistrat Dott. Giovanni Grixti b'avviz ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u datat 5 ta' Marzu, 2007.  Qablu kien jippresjedi l-Bord, il-Magistrat Dott. Joseph Cassar, li baqa' jokkupa din il-kariga sa ma irtira bl-eta'.  Qabel dan kien hemm il-Magistrat Dott. Joseph Apap Bologna, li nhatar b'effett mill-21 ta' Mejju, 1997, li, pero', ma baqax jokkupa dik il-kariga billi semplicement gie sostitwit bil-Magistrat Dott. Joseph Cassar b'sehh mill-15 ta' April, 2003.  Kien hemm zmien ukoll li l-kariga ta' Chairman kienet okkupata mill-Magistrat (illum Imhallef) Dott. Gino Camilleri, li gie sostitwit hekk kif ha l-hatra ta' imhallef.  Wisq probabbli l-istess gara meta l-

Bord kien ippresjedut mill-Magistrat, illum Imhallef irtirat, Dott. Geoffrey Valenzia.

Is-socjeta' rikorrenti tilmenta li dan il-bdil sar b'mod illegali ghax il-ligi ma tipprovdix ghat-tnehhija jew sostituzzjoni tac-Chairman tal-Bord, u l-fakulta' li akkreka ghalih il-Gvern (li fuq il-parir tieghu, il-President ta' Malta jkollu jagixxi skont il-Kostituzzjoni) li jbiddel ic-Chairman wassal ghall-ksur tal-jedd taghha li jkollha smiegh minn Tribunal indipendenti u imparzjali.  F'dan il-kaz, il-problema tikber, dejjem skont is-socjeta' rikorrenti, peress li l-Gvern huwa dejjem parti interessata f'kull kawza li titresssaq quddiem il-Bord.

Ebda gudikant li kien jippresjedi l-Bord u li xehed quddiem din il-Qorti ma indika li qatt kellu xi forma ta' pressjoni jew indhil biex jiddeciedi xi kawza b'xi mod partikolari, u lkoll xehedu li s-sentenzi inghataw skont il-ligi u l-kuxjenza, kif wiehed , del resto, kien jistenna.  Fil-kaz tal-Magistrat Dott. Apap Bologna dan xehed li gie sostitwit meta l-Prim' Imhallef ta' dak iz-zmien indikalu li xtaq jahtar Chairman gdid u hu accetta li jimxi mal-hsieb tal-Prim' Imhallef; qatt ma tnehha formalment mill-kariga, pero', kien inhatar bhala Chairman tal-Bord minfloku l-Magistrat Dott. Joseph Cassar.

Din il-Qorti tqis li ghalkemm jista' jkun li hemm lacuna fil-ligi li ma tipprovdix ghas-sostituzzjoni tac-Chairman tal-Bord skont l-esigenzi, ma tarax li dan in-nuqqas ghandu jwassal biex il-Bord ma jitqisx indipendenti u imparzjali.  Il-fatt li l-Bord hu presjedut minn magistrat jew imhallef hu bizzejjed biex jigi garantit l-indipendenza u l-imparzjalita' tac-Chairman. Kull magistrat jew imhallef hu mghoni b'dawn il-karatteristici u din il-Qorti ma ghandha ebda dubju dwar l-integrita' ta' kull gudikant li ppresjeda jew qed jippresjedi fuq il-Bord.  Il-fatt li magistrat sedenti jinbidel b'magistrat iehor – sakemm ma jkunx hemm cirkostanzi cari li juru li s-sostituzzjoni tkun saret ghal skopijiet ulterjuri jew biex jigi "kastigat" xi gudikant – ma jnaqqas xejn mill-indipendenza u l-imparzjalita' tieghu.  Fil-fehma tal-Qorti ma jezistux "ascertainable facts which may raise doubts as to the impartiality of judges who decide the

case". Ghalkemm l-apparenza hija importanti, "the appearances have to be tested against the objective reality behind them" u dak li hu essenzjali hu li l-gudikant ikun "free from directives or pressures from the fellow judges or those who have administrative responsibilities in the court such as the president of the court or a president of a division in the court" – "Parlov – Tkalcic vs Croatia", deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-22 ta' Dicembru, 2009. Din il-Qorti hi konvinta li ma jezistux dawn id-direttivi jew pressjoni dwar il-mod ta' kif jigu decizi kawzi. Sostituzzjoni jew bidla fid-doveri ta' gudikant in bona fede u minhabba l-esigenzi tas-servizz ma timpingix fuq id-dritt ta' dak li jkun ghal smiegh xieraq fit-termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Ricentement, il-Qorti Kostituzzjonali, fil-kawza "Pace vs Onorevoli Prim Ministru et", deciza fit-28 ta' Settembru, 2012, ghamlet dawn l-osservazzjonijiet dwar l-indipendenza tal-gudikant u l-assenjazzjoni li ssir biex jisimghu kawzi partikolari:

***"22.*** *Il-paragrafu 10 tal-Magna Carta of Judges approvata mill-Kunsill Konsultattiv ta' Mħallfin Ewropew fi ħdan il-Kunsill tal-Ewropa jipprovdi li:*

*"In the exercise of their function to administer justice, judges shall not be subject to any order or instruction or to any hierarchical pressure, and shall be bound only by law"*

***23.*** *Il-paragrafu 22 tar-Rakkomandazzjoni Rec(2010)12 tal-Kunsill tal-Ewropa imbagħad jelabora fuq il-prinċipju fuq imsemmi kif ġej:*

*"The principle of judicial independence means the independence of each individual judge in the exercise of adjudicating functions. In their decision making judges should be independent and impartial and able to act without any restriction, improper influence, pressure, threat or interference, direct or indirect, from any authority, including authorities internal to the judiciary. Hierarchical judicial organisation should not undermine individual independence."*

***24.*** *Fiż-żewġ siltiet ċitati, għalhekk, jirriżulta kjarament li dak li jimpinġi fuq l-indipendenza tal-ġudikatura ma hux kull intervent fl-organiżżazzjoni tax-xogħol tal-Qrati iżda dak l-intervent li jinterferixxi fl-eżerċizzju tal-funzjoni aġġudikanti tal-ġudikant. Fil-każ odjern ma kien hemm ebda tali interferenza. L-ordni tal-Prim' Imħallef ma kienet tagħti ebda struzzjoni jew direzzjoni lil ebda ġudikant dwar kif kellu jiddeċiedi kwalunkwe vertenza fil-kors tal-proċeduri. Il-miżura li ttieħdet mill-Prim' Imħallef meta għamel l-ordni inkwistjoni b'ebda mod ma imminat l-indipendenza individwali ta' xi ġudikant."*

Anke f'dan il-kaz, ma jirrizultax li b'xi mod saret xi interferenza fil-funzjoni aggudikanti ta' xi gudikant li kien jippresjedi l-Bord.

Apparti dan, pero', kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza msemmija ta' "Frendo Randon", il-Bord, kif kostitwit qabel l-emendi li saru fl-2009, ma kienx jaghti affidament ta' smiegh xieraq minhabba l-mod tal-hatra tal-membri teknici tal-istess Bord.  Hu veru li decizjoni tal-Qorti li tiddikjara provvediment tal-ligi anti-kostituzzjonali, ma ghandhiex effett erga omnes, u dan kif iddecidiet l-istess Qorti Kostituzzjonali f'kawzi ohra, pero', din il-Qorti taqbel ma dak li osservat il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza ta' "Frendo Randon" fil-kuntest tal-indipendenza u l-imparzjalita' tal-Bord kif kien qabel l-emendi tal-2009.  Dik il-Qorti, wara li ezaminat il-provvedimenti tal-ligi fid-dawl tal-principju li jirregolaw il-materja, waslet ghas-segwenti konkluzjoni:

*"**77.** Fil-fehma ta' din il-Qorti, meta tikkunsidra dawn l-osservazzjonijiet fid-dawl tal-fatt li l-membri teknici jigu appuntati mill-Ezekuttiv biex jaghtu opinjoni, li tista' f'certi sitwazzjonijiet tekwivali ghal decizjoni, f'kawzi fejn il-gvern ghandu interess finanzjarju dirett, ma jistax jinghad li l-Kap. 88 jaghti garanziji sufficjenti biex dawn l-membri teknici ma jkollhomx pressjonijiet esterni, partikolarment mill-Ezekuttiv, u lanqas jista' jinghad li dawn ic-cirkostanzi kollha konnessi mal-hatra taghhom fit-totalita` taghhom*

*jaghtu impressjoni oggettiva li dawn il-membri teknici huma verament indipendenti.*"

Mill-premess isegwi li s-socjeta' rikorrenti, sa l-2009, ma kellhiex access ghal tribunal indipendenti u imparzjali, anke kieku l-Kummissarju tal-Art agixxa tempestivament biex iressaq il-kaz ghal quddiem il-Bord. Dan ma jistax jinghad ghas-sitwazzjoni kif inhi issa wara li dahlu fis-sehh l-emendi introdotti fil-ligi bl-Att XXI tal-2009. Il-pozizzjoni tal-membri teknici tal-Bord inbidlet u fil-waqt li dawn jinhatru ghall-kaz mic-Chairman biex jassistuh fid-deliberazzjonijiet tieghu, id-decizjoni tittiehed dejjem mill-Magistrat Chairman – artikolu 25(5) tal-Kap. 88. Apparti dan, issa hemm appell ghal quddiem il-Qorti tal-Appell "fuq kwalunkwe wahda mill-materji" indikati fl-istess artikolu 25. Dan ifisser li llum, is-socjeta' rikorrenti ghandha garanzija mhux biss li l-kaz taghha jinstema' u jigi deciz minn Chairman ta' Bord, li ghandu jkun magistrat jew imhallef, izda bi dritt ta' appell ghal quddiem il-Qorti tal-Appell, li zgur toffri garanzija ta' smiegh indipendenti u imparzjali. Kwindi ma jistax jinghad li llum is-socjeta' rikorrenti qed tigi mcahhda mid-drittijiet fundamentali taghha taht il-Kovenzjoni Ewropea, u darba tigi notifikata bl-att gudizzjarju li l-intimat Kummissarju tal-Art ressaq f'Gunju tal-2009 quddiem il-Bord, allura hi tista' tipprocedi normalment quddiem l-istess Bord biex dan jiffissa l-kumpens gust f'kaz li ma taqbilx mal-kumpens issa offrut.

Din il-Qorti, ghalhekk, ma tqisx li ghandha, b'xi mod, tiffissa l-kumpens hi ghat-tehid sforzuz li sar tal-proprjeta' taghha, peress li din hi materja li ghandha u tista' validament tigi mistharrga mill-organi stabbiliti bil-ligi. Din it-talba tas-socjeta' rikorrenti ghandha, ghalhekk, tigi michuda, peress li issa ghandha access ghall-awtorita' gudikanti kif protett mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan anke ghall-fini tad-determinazzjoni tal-kumpens gust. Jekk il-kumpens ikunx, fil-fatt, wiehed gust, huwa intempestiv li jigi mistharreg f'dan l-istadju, peress illi dan il-kumpens ghadu jrid jigi iffissat mill-Bord. Huwa biss wara li l-kumpens jigi finalment deciz mill-Bord u, jekk ikun il-kaz, wara li jkun hemm id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell, li wiehed ikun jista jikkunsidra jekk il-kumpens li

gie deciz li hu dovut lis-socjeta' rikorrenti huwiex wiehed xieraq u adegwat.

Is-socjeta' rikorrenti qed tallega wkoll illi mhux qeghdin jinghataw u/jew x'aktarx mhux se jinghataw smiegh fi zmien ragjonevoli mill-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet. Ghandu jigi enfasizzat illi sabiex jigi determinat jekk il-proceduri in kwistjoni hadux "zmien ragjonevoli", mhux mehtieg li l-istess proceduri jridu jkunu gia' decizi b'mod finali (differenti hu l-kaz ghal dak li jirrigwarda jekk is-smiegh kienx wiehed "xieraq" – "fair" – ghax f'dak il-kaz wiehed irid necessarjament jara l-proceduri fit-totalita' taghhom). Fl-ewwel lok, l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 319 jipprovdi illi: "*Kull persuna li tallega li xi wiehed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali jkun gie, <u>ikun qed jigi jew ikun x'aktarx ser jigi miksur dwarha</u>, ... ... tista' ... ... titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju.*" (enfasi ta' din il-Qorti). Ghalhekk huwa sufficcjenti li jkun hemm il-potenzjalita' konkreta ta' ksur ta' dritt fundamentali, sabiex il-persuna koncernata tkun tista' titlob rimedju lill-Prim' Awla. Fit-tieni lok, anke l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kemm-il darba kkunsidrat jekk applikant ikunx qed jinghata smiegh fi zmien ragjonevoli, meta l-kawza li jkun qed jilmenta mid-dewmien taghha, tkun ghadha ma gietx deciza finalment. Fil-fatt l-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick jirreferu ghal kaz **Guincho v. Portugal**, deciza fl-10 ta' Lulju, 1984, fejn il-Qorti Ewropea kkunsidrat illi "*nearly four years for a personal injuries claim that was still pending before the trial court was 'at first sight' unreasonable for a single jurisdictional level ... ...*" u fil-fatt sabet ksur ghad-dritt ta' smiegh fi zmien ragjonevoli.

F'dan il-kaz il-proceduri quddiem il-Bord ghadhom fl-istadju inizjali taghhom. Kif intqal saret id-dikjarazzjoni tal-akkwist fil-Gazzetta tal-Gvern tal-24 ta' Gunju, 2009, u sar id-depozitu tal-kumpens offrut kif titlob il-ligi. Jidher, pero', li ghada ma saritx notifika tal-att lill-proprjetarji jew lill-kuraturi biex jirrapprezentaw sidien ignoti kif titlob il-ligi, b'mod li l-istess proprjetarji ghadhom ma jistghux jibdew proceduri quddiem il-Bord ghall-fisazzjoni tal-kumpens gust. Skont il-Kummissarju tal-Art, issa li l-avviz ta' tehid

gie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern, sta ghall-proprjetarji javvicinawh u jressqulu prova tat-titolu; jekk isir hekk, fil-konfront tieghu tinhareg ittra ufficcjali' imbaghad jekk ma jaqblux mal-istima, ikunu jistghu jikkontestaw l-istess quddiem il-Bord. Il-ligi, pero', ma tipprovdix dan. Hi trid li l-ittra ufficcjali tigi notifikata "lil kull sid u kull bniedem iehor li ghandu interess skont il-ligi fl-art imsemmija fid-dikjarazzjoni" (artikolu 9), u jekk is-sid jew wiehed mis-sidien ma jkunx maghruf, il-Kummissarju tal-Art ghandu jipprocedi billi jitlob il-hatra ta' kuraturi skont il-ligi (artikolu 10).

F'dan il-kaz, ma jidhirx li din il-procedura giet segwita, avolja minn korrispondenza li ghaliha saret referenza jirrizulta li l-Kummissarju tal-Art kien zgur jaf bl-interess fl-art tas-socjeta' rikorrenti qabel anke ma infethu dawn il-proceduri. Lanqas wara li bdew dawn il-proceduri ma jidher li sar tentattiv ta' notifika lir-rikorrenti. Il-process jidher li ghadu stagnat peress li l-intimat Kummissarju tal-Art naqas u qed jonqos milli jipprocedi kif trid il-ligi. Fil-fatt, kif osservat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kaz "<u>Frendo Randon v. Kummisarju tal-Artijiet</u>", deciza fl-4 ta' Frar, 2000,

*" ... ... jinkombi (fuq) l-Kummissarju ta' l-Art li jistabilixxi (minn huma) s-sidien ta' l-art u li jaghmel dak kollu necessarju sabiex dawn jigu notifikati u l-proceduri jipprosegwu regolarment. Ghalhekk mhux skuzanti ghall-Kummissarju ta' l-Art li jghid li l-atturi naqsu li jipprovdu l-informazzjoni mehtiega dwar it-titolu taghhom. In oltre jigi osservat li l-ligi (Kap. 88) ma tippermetti ebda skuza ghal dewmien ghad-determinazzjoni tal-kumpens xieraq billi f'kaz li s-sidien ma jkunux maghrufa jew ikunu incerti jew assenti jew minuri jew persuna inkapaci, l-artikolu 10 jiddisponi li 'il-procediment taht din l-Ordinanza jsiru kontra kuraturi li jigu mahtura kif jinghad fil-Kodici ta' Organizżażzjoni u Procedura Civili."*

Ghal dan id-dewmien ghandu jwiegeb ghad-danni l-istess Kummissarju tal-Art.

Fil-waqt, allura, din il-Qorti ma ssibx li issa s-socjeta' rikorrenti qed issoffri min-nuqqas ta' access ghall-awtorita' gudikanti, issib li dan in-nuqqas kien isehh mill-1993 sal-2009, u li l-istess socjeta' kienet u ghadha ssoffri nuqqas ta' smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli – zewg kuncetti differenti kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-paragrafu 52 tas-sentenza taghha fil-kawza "Frendo Randon" aktar qabel imsemmija.

Ghad-diversi nuqqasijiet, din il-Qorti tara li ghandha tillikwida danni morali kif ghamlet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kazijiet ta' "Vica Ltd" u "Frendo Randon" imsemmija fil-kors ta' din is-sentenza. Is-socjeta' rikorrenti talbet ukoll danni reali. Hu fatt li, fil-verita' hemm zewg tipi ta' 'danni' li ghalih is-socjeta' rikorrenti tista' tkun intitolata, dawk morali, ghall-oltragg li garrab bl-aggressjoni tal-intimati, u dawk civili jew materjali, ekwivalenti ghat-telf ta' qliegh futur rizultanti minn loss of use. Normalment, id-danni tal-ahhar tip jintalbu bhala rimedju ordinarju f'kawza quddiem il-qrati ordinarji. Dan ghaliex, kif jinghad fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet "**Emanuel Ciantar v. Kummissarju tal-Pulizija**" deciza fit-2 ta' Novembru, 2001:

*"Il-principju kollu dejjem ikun illi l-kompetenza Kostituzzjonali u l-kompetenza Civili kellhom jibqghu separati u distinti anke ghaliex ir-rikors taht kull kompetenza hu regolat bi proceduri appoziti b'finalita' ta' rimedju mhux dejjem identiku."*

Apparti dan, is-socjeta' rikorrenti, gabet prova ta' kemm hu l-valur tal-bini esproprjat, pero', ma urietx x'danni soffriet realment minhabba d-dewmien mehud in konsiderazzjoni li l-proprjeta' baqghet taghha sal-2009 (meta sar tehid sforzuz skont il-ligi) u li allura hi setghet sa dakinhar tbiegh u tiddisponi mill-istess proprjeta'.

Fil-likwidazzjoni tal-kumpens, din il-Qorti se tiehu qies ukoll dak li osservat il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Frendo Randon", imsemmija aktar qabel, fis-sens li gej:

*“**62.** Inoltre, hemm konsiderazzjoni ohra pertinenti ghall-kaz in dizamina. Kif gie rilevat minn din il-Qorti fis-sentenza taghha **Paul Fenech vs. Kummissarju ta’ l-Artijiet** deciza fl-20 ta’ Frar 2009, f’kazijiet bhal dak odjern kien jezisti rimedju ordinarju, fejn sid l-art jistitwixxi proceduri civili fejn jitlob lill-Qorti tiffissa terminu qasir u perentorju li fih il-Kummissarju ta’ l-Artijiet irid jagixxi biex ikompli l-procedura ta’ l-esproprjazzjoni. Ghalkemm ir-rikorrenti appellanti utilizzaw dan ir-rimedju biss fl-1996, din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li huma kellhom jaghmlu uzu minn dan ir-rimedju ghexieren ta’ snin qabel, u kieku ghamlu hekk, forsi li d-dewmien f’dan il-kaz kien jonqos konsiderevolment. Konsegwentement, fil-likwidazzjoni tad-danni morali, ghandu jittiehed ukoll kont tal-fatt li r-rikorrenti appellati jahtu wkoll f’certu sens, ghalkemm b’mod limitat hafna, ghal dan id-dewmien ghaliex ghal snin shah naqsu li jutilizzaw rimedju ordinarju disponibbli ghalihom.”*

Is-socjeta’ rikorrenti, f’dan il-kaz, qatt ma utilizzaw ir-rimedju ordinarju, izda ressqu din il-kawza biss hafna snin wara li harget l-ewwel dikjarazzjoni ta’ esproprjazzjoni. Minhabba f’hekk, ghandu jkun hemm temperament fid-danni morali ffissati bhala kumpens. Din il-Qorti kkunsidrat ukoll li s-socjeta’ rikorenti hija proprjetarja ta’ terz indiviz biss ta’ dawn il-fondi.

Ghalhekk, wara li kkunsidrat id-drittijiet fundamentali kollha li fil-fehma ta’ din il-Qorti gew lezi kif fuq spjegat, u wara li din il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-estensjoni tal-fondi in kwistjoni u t-tul ta’ zmien tal-lezjonijiet imsemmija, il-Qorti hija tal-fehma li s-socjeta’ rikorrenti ghandha tinghata kumpens ghal danni morali ta’ ghaxart elef Ewro (€10,000).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mid-diversi talbiet tas-socjeta’ rikorrenti, billi fl-ewwel lok, tichad it-talbiet relatati mal-fatt innifsu tal-esproprju tal-fondi mertu tal-kawza, u ghalhekk tichad it-talbiet in kwantu diretti ghal dikjarazzjoni li l-esproprju in kwistjoni illeda xi dritt fondamentali tas-socjeta’ rikorrenti; fit-tieni lok tilqa’ t-talbiet relatati mad-dewmien tal-procedura

kollha, fil-komplessita’ kollha taghha, u tqis li tali dewmien jisker id-dritt tas-socjeta’ rikorrenti ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli fir-rigward tad-determinazzjoni tad-drittijiet civili taghha, u dan bi vjolazzjoni tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, u d-dritt tal-istess socjeta’ ghall-godiment tal-proprjeta’ taghha taht l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea; fit-tielet lok, tichad it-talbiet relatati mal-pretensjoni li s-socjeta’ rikorrenti qeghda llum issoffri min-nuqqas ta’ access ghall-awtorita’ gudikanti kif protett mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, izda ssib li dan il-ksur kien jezisti bejn l-1993 u l-2009; fir-raba’ lok, tichad it-talba ghall-kumpens ta’ danni reali; u fil-hames lok, tilqa’ t-talba ghall-hlas ta’ danni morali, u tikkundanna lill-intimat Kummissarju tal-Art (responsabbli mid-dewmien fil-process) u lill-Avukat Generali (peress li ghal tul ta’ snin is-socjeta’ rikorrenti thalliet bla rimedju ghal quddiem awtorita’ gudikanti kif trid il-Konvenzjoni Ewropea) in solidum ihallsu lis-socjeta’ rikorrenti s-somma ta’ €10,000, in linea ta’ danni morali.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu bin-nofs bejn is-socjeta’ rikorrenti fuq naha wahda u l-intimati in solidum fuq naha ohra, b’dan, pero’, li l-ispejjez kollha marbuta u/jew relatati mal-perizja teknika ghandhom jithallsu mis-socjeta’ rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------